**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**Ghawdex**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 4/2020/1 JVC**
**Wara sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar**
**datata 29 ta'Settembru, 2023 fl-ismijiet:**

**Saviour Camilleri u Mario Camilleri**
**vs.**

**Michael Angelo Zammit**

**Illum 12 ta' April, 2024**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar datata 29 ta' Settembru, 2023 fejn gie deciz kif isegwi:

'Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li qiegħed jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat, qiegħed jilqa' talbiet kollha tal-atturi u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-attur Saviour Camilleri waħdu l-ammont ta'

elfejn tlett mija u wieħed u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€ 2,391.50) bl-imgħaxxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sitta (6) ta' Settembru 2019, id-data tal-ispedizzjoni tal-ittra uffiċjali, sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż tal-preżenti istanza kif wkoll l-ispejjeż relattivi għall-ittra uffiċjali numru 504/2019 għandhom jkunu kollha a karigu tal-intimat.'

2. Illi s-sentenza appellata nghatat wara li r-rikorrenti appellati ippremettew u talbu kif isegwi:

*"Illi I-attur Mario Camilleri ghandu sehem indiviz flimkien mal-konvenut mill-propjeta' bl-isem 'Michael's Court', Triq Santa Marija, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex;*

*Illi l-esponenti u cioe' Mario Camilleri u Saviour Camilleri ghamlu diversi spejjez in konnessjoni ma' din il-propjeta' u dan partikolarment fir-rigward tar-regolarizzazzjoni tal-istess propjeta', fosthom elf u disa' mitt Euro (€1,900.00) fi Processing Fees ghar-Regolarizzazzjoni tal-propjeta', mitt Euro (€100.00) fi hlas tal-applikazzjonijiet relattivi, sitt Euro (€6.00) f'site plan, u elfejn, sitt mija u sebgha u sittin Euro (€2,667.00) fi spejjez tal-Perit Deborah Busuttil. Dan kollu jammonta ghal erbat elef, sitt mija u tlieta u sebghin Euro (€4,673.00);*

*Illi apparti hekk, saru wkoll spejjez fl-ammont ta' mija u ghaxar Euro (€110.00) fi speiiez ta' tiswija tal-aperturi tal-aluminium.*

*Illi tali spejjez saru a gwadann taz-zewg ko-propjetarji u ghalhekk ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn Mario Camilleri u MichaelAngelo Zammit. Dawn l-ispejjez thallsu mill-esponenti Saviour Camilleri u saru wkoll fuq bi qbil tal-konvenut stess. Ghalhekk l-intimat huwa dovut illi ihallas l-ammont ta' elfein, tlett mija u wiehed u disghin Euro u hamsin centezmu (€2,391.50).*

*Illi minkejja li l-atturi interpellaw lill-intimat sabiex ihallas dan l-ammont, inkluz permezz ta' Ittra Ufficcjalu Nru. 504/2019, huwa baqa' inadempjenti u ma hallasx u ghalhekk kella ssir din it-talba.*

*Jghid ghalhekk ghaliex il-konvenut m'ghandux ihallas is-somma ta' elfejn, tliet mija u wiehed u disghin Euro u hamsin centezmu (€2,391.50) rapprezentanti spejjez kif hawn fuq spjegat u dan oltre l-imghaxijiet relattivi sad-data ta' l-effettiv pagamenti.*

*Bl-ispeijez inkluz dawk tal-ittra Ufficcjali 504/2019 kontra il-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni"*

3. Rat li l-intimat appellant irrisponda ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti kif isegwi:

*"Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru ghax il-proprietà in kwistjoni ma tappartjenix lill-intimat Michael Angelo Zammit imma wkoll hija proprjetà ta' missieru Henry Zammit, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-11 ta' Mejju 1983, illi kopia tieghu ser jigi ezebit waqt it trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk I-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Illi I-intimat ma talabx ghar-regolarizzazzjoni tal-proprietà in kwistioni kif ghad jirrizulta mill-applikazzjoni sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar, u ghal din ir-raguni wkoll l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Illi l-ispeijez inkorsi mir-rikorrenti ma sarux bil-kunsens u l-approvazzjoni tieghu stante illi l-intimat ried li I-binja tibqa' fl-istat li kienet bhala dar u mhux bhala appartamenti, u ghalhekk ghal din ir-raguni wkoll huwa m'ghandux jhallas kwalsiasi spejjez li ghamlu l-istess rikorrenti.*

*Illi l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti saru a beneficcju taghhom mill-venditrici n-Nutara Dottor Josianne Mifsud ghall-akkwist minnhom maghmul, u mhux bil-kunsens u bl-approvazzjoni tal-istess intimat.*

*Illi r-rikorrent Saviour Camilleri m'ghandux relazzioni guridika mal-eccipjenti u lanqas locus standi stante illi mhux u qatt ma kien proprjetarju kif ghad jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi l-intimat lanqas ghandu jhallas ghall-ispejjez tat-tiswija tal-aperturi tal-aluminium stante li dawn ma kienux konsentiti mill-istess intimat u/jew minn missieru Henry Zammit.*

*Illi inoltre l-blokka in kwistjoni ma jisimhiex Michael's Court u lanqas ma tinsab fl-indirizz indikat, u b'hekk ir-rikorrenti ghandhom jirregolaw ruhhom.*

*Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

4. Rat illi l-intimat appella mid-decizjoni tat-Tribunal permezz ta' rikors tal-appell konsistenti f'mhux anqas minn mitejn u erba' u hamsin pagna (254) liema tul fic-cirkostanzi tal-kaz odjern certament huwa inaccettabbli. Illi minn fost il-hafna kummenti, tghajjir, ritratti, allegazzjonijiet, sottomissjonijiet mhux relatati mal-kaz odjern, dokumentazzjoni annessa u tul esagerat fir-rikors tal-appell din il-Qorti siltet kif setghet l-aggravji tal-intimat appellant kif isegwi:

(i) Nemo Judex in Causa Sua u s-Salta tad-Dritt f'Malta stante li l-gudikant, llum Magistrat, Dr Jean Paul Grech intalab diversi drabi sabiex jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kawza u rrifjuta li jaghmel dan. Skont l-appellant dan ghaliex hu haseb li l-gudikant kien, fost hafna kummenti, allegazzjonijiet u tghajjir fil-konfront tieghu fir-rikors tal-appell:

‘Illi abbazi ta' dana l-istess Principju generali tad-Dritt RES INTER ALIOS ACTA w l-istess Artikolu 999 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-istess aggravju li qed jigi sollevat mill-istess Esponent Appellant, jikkoncerna mhux biss il-fatt li l-istess Esponent Appellant kien gie konxju mill-fatt li kien ser jigi pregudika b'mod serjissimu Pdina l-istess Kawza odjerna malli fis-Seduta ta' 1-10 ta' Gunju 2022 kien sar mgharuf li kien ser jigi appuntat bhala l-Onorabbli Gudikant Sedenti Dr. Jean Paul Grech, imma wkoll li kien sar evidenti wkoll li 1-istess Onorabbli Gudikant Sedenti Dr. Jean Paul Grech kien ser jaghmel minn kollox sabiex mhux biss joskura lill-istess Esponent Appellant f'sina l-istess Kawza odjerna imma wkoll sabiex xjentament, malizzjozament u dolozament u fuq kollox b'mod Zlejali, b'mod skorrett, b'mod abbuzivi, b'mod illegali, b'mod illecitu, b'mod malentizi w minghajr ebda tip ta' skruplu w li kollha saru minghajr ebda tip ta' awtorizzioni w bi ksur sfaccat tad-drittijiet kollha ta' I-istess Esponenti Appellant w bi hsara kbira w irreparabbli ghall-istess Esponenti Appellant, l-istess Onorabbli Gudikant Sedenti Dr. Jean Paul Grech kien ghamel minn kollox sabiex b'mod frivolu w b'mod vessatorju halla li tinghata x-xhieda li kien konxju li kienet falza, fazulla w fittizzja w frawdolenti w li kienet saret bl-ghan specifiku li jiffroda lill istess Esponenti Appellant w xejn aktar u li dana kollu sar dejjem a beneficcju esklussiv ghall-istess Appellati w ghall-istess komplici taghhom flimkien w IN SOLIDUM bejniethom, ossija kemm:

A. Ghall-istess Appellati, kif ukoll

B. Ghall-istess Avukat ta' l-istess Appellati li fil-verità qatt ma issogra jiffirma w jiehu gurament fuq l-istess Affidavit tieghu; kif ukoll

C. Ghall-istess Nutara Dottor Josianne Mifsud; kif ukoll

D. Ghall-istess Perit AIC Deborah Busuttil li tigi mill-istess Onorabbli Gudikant Sedenti fit-Tribunal Dr. Jean Paul Grech.

kemm permezz ta' l-istess Affidavit taghhom li huma ffirmaw u hadu gurament fuqu kif ukoll permezz ta' 1-istess xhieda guramentata li kienu taw viva voce w li fil-verità kienet falza, fazulla w fittizzia w frawdolenti w li ienet saret bl-ghan ewlieni li tiffroda lill istess Esponenti Appellant w xejn aktar, ma jigux ic-celengjati bil-miftuh quddim daka l-istess Tribunal;'

Dan l-aggravju jkompli b'bosta akkuzi fil-konfront tax-xhieda fil-kaz odjern inkluzi l-Perit Deborah Busuttil u n-Nutar Dottor Josianne Mifsus. Skont l-appellant f'dan il-kaz irrenja d-dettam Malti:

'hokli dari halli nhoklok darek'.

Ulterjorment il-Qorti rat il-bosta kwotazzjonijiet, argumenti u repetizzjonijiet li segwew dan l-aggravju ghal pagni shah ad infinitum fir-rikors tal-appell odjern u hadet konjizzjoni taghhom.

Ghal dik li hi parentela l-appellant intimat isostni li:

'N-Nannu ta' l-istess Onorabbli Gudikant Sedenti Dr. Jean Paul Grech huwa prim kugin man-nannu ta' l-istess Perit AIC Deborah Busuttil.'

(ii) It-tieni Aggravju huwa ndikat kif isegw:i 'IL-Konvenju/Skrittura Privata ta' l-sitess Nutara Dottor Josianne Misud u l-istesss Appellati w ir-regola baziljarja CONTRA SCRIPTUM TESTIMONIUM NON SCRIPTUM TESTIMONIUM NON FERTUR w il-Principju generali tad-Dritt PACTA DAN LEGEM CONTRACTUI.

Dan l-aggravju huwa spjegat kif isegwi:

'Illi t-Tieni aggravju li qed jigi sollevat mill-istess Esponent Appellant, jikkoncerna mhux biss il-fatt li l-istess Esponent Appellant kien gie konxju mill-fatt li kien ser jigi pregudika b'mod serjissimu fina l-istess Kawza odjerna malli fis-Seduta ta' 1-10 ta' Gunju 2022 kien sar mgharuf li kien ser jigi appuntat bhala l-Onorabbli Gudikant Sedenti fit-Tribunal Dr. Jean Paul Grech, imma wkoll li kien sar evidenti wkoll lil-istess Onorabbli Gudikant Sedenti fit-Tribunal Dr. Jean Paul Grech kien ser jinjora ghall-kollox il-kontenut ta' I-istess Konvenju/Skrittura Privata li kien sar bejn I-istess Appellati w l-istess Nutara Dottor Josianne Mifsud u l-istess Ragel taghha;'

U tkompli r-repetizzjoni bhall-ewwel aggravju.

Taht l-istess aggravju l-Qorti rat li l-appellant isostni li t-Tribunal naqas milli jidentifika l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti.

Il-Qorti rat u hadet kont tal-bosta sottomissjonijiet, kummenti mhux relatati, repetizzjonijiet, allegazzjonijiet ta' kukkanji, ritratti mill-ajru ripetuti ad infinitum, kopji ta' partijiet mill-iskrittura wkoll ripetuti ad infinitum, principji u pattijiet, regoli generali ta' interpretazzjoni skont l-appellant, termini u frazijiet komuni, kanoni ta' kostruzzjoni u termini implikati li fuqhom l-appellant kiteb fuq li kiteb fl-appell odjern.

(iii) It-tielet aggravju huwa ndikat bhala il-Principju generali tad-Dritt Res Inter Alios Acta u huwa spjegat kif isegwi:

'Illi t-Tielet aggravju li qed jigi sollevat mill-istess Esponent Appellant, jikkoncerna mhux biss il-fatt li l-istess Esponent Appellant kien gie konxju mill-fatt li kien ser jigi pregudika b'mod serjissimu f'dina l-istess Kawza odjerna malli fis-Seduta ta' l-10 ta' Gunju 2022 kien sar

mgharuf li kien ser jigi appuntat bhala l-Onorabbli Gudikant Sedenti fit-Tribunal Dr. Jean Paul Grech, imma wkoll li kien sar evidenti wkoll li l-istess Onorabbli Gudikant Sedenti fit-Tribunal Dr. Jean Paul Grech kien ser jinjora ghall-kollox il-kontenut ta' l-istess Konvenju/Skrittura Privata li kien sar bejn l-istess Appellati w l-istess Nutara Dottor Josianne Mifsud u l-istess Ragel taghha;'

Il-Qorti regghet rat li l-intimat appellant taht dan l-aggravju rega' rrepeta bosta mill-kummenti u argumentazzjoni li kien gia ressaq ghall-ewwel zewg aggravji partikolarment l-allegata konnessjoni tal-gudikant bejn in-nanniet rispettivi tal-gudikant u ta' xhud fil-kawza li skonthu kienu kugini. Regghet rat il-bosta 'cut and paste' mill-iskrittura ripetuta ghal dviersi drabi, l-kummenti, t-tghajjir u l-allegazzjonijiet fil-konfront ta' professjonijiet nvoluti bhala xhieda fil-kaz odjern, l-istess ritratti u s-sottomissjonijiet fir-rigward ta' dan l-aggravju li jtulu ghexieren ta' pagni fl-atti.

(iv) Ir-raba' aggravju huwa ndikat bhala il-pricipju Fraus Omnia Currumpit, il-Kukkanja w in-NESSO Paratattivo w'jew in-NESSO IPOTATTICO u huwa spjegat kif isegwi:

'Illi r-Raba aggravju li qed jigi sollevat mill-istess Esponent Appellant, jikkoncerna mhux biss il-fatt li l-istess Esponent Appellant kien gie konxju mill-fatt li kien ser jigi pregudika b'mod serjissimu f'dina l-istess Kawza odjerna malli fis-Seduta ta' l-10 ta' Gunju 2022 kien sar mgharuf li kien ser jigi appuntat bhala l-Onorabbl Gudikant Sedenti fit-Tribunal Dr. Jean Paul Grech, imma wkoll li kien sar evident wkoll li l-istess Onorabbli Gudikant Sedenti fit-Tribunal Dr. Jean Paul Grech kien ser jaghmel minn kollox sabiex mhux biss joskura lill-istess Esponent Appellant f'Dina l-istess Kawza odjerna imma wkoll sabiex xjentament, malizzjozament u dolozament u fuq kollox b'mod zlejali, b'mod skorrett, b'mod abbuzivi, b'mod illegali, b'mod illecitu, b'mod

malentizi w minghajr ebda tip ta' skruplu w li kollha saru minghajr ebda tip ta' awtorizzioni w bi ksur sfaccat tad-drittijiet kollha ta' l-istess Esponenti Appellant w bi hsara kbira w irreparabbli ghall-istess Esponenti Appellant, l-istess Onorabbli Gudikant Sedenti fit-Tribunal Dr. Jean Paul Grech kien ghamel minn kollox sabiex b'mod frivolu w b'mod vessatorju halla li tinghata x-xhieda li kien konxju li kienet falza, fazulla w, fittizzija w frawdolenti w li kienet saret bl-ghan specifiku li jiffroda lill istess Esponenti Appellant w xejn aktar u li dana kollu sar dejjem a beneficeju esklussiv ghall-istess Appellati w ghall-istess komplici taghhom flimkien w IN SOLIDUM bejniethom, ossija kemm:
a. Ghall-istess Appellati, kif ukoll
b. Ghall-istess Avukat ta' l-istess Appellati li fil-verità qatt ma issogra jiffirma w jiehu gurament fug l-istess Affidavit tieghu; kif ukoll
c. Ghall-istess Nutara Dottor Josianne Mifsud; kif ukoll
d. Ghall-istess Perit AIC Deborah Busuttil li tigi mill-istess Onorabbli Gudikant Sedenti fit-Tribunal Dr. Jean Paul Grech;

kemm permezz ta' l-istess Affidavit taghhom li huma ffirmaw u hadu gurament fuqu kif ukoll permezz ta' l-istess xhieda guramentata li kienu taw viva voce Seduta Stante w li fil-verità kienet falza, fazulla w fittizzja w frawdolenti w li kienet saret bl-ghan specifiku li jiffroda lill istess Esponenti Appellant w xejn aktar, ma jigux ic-celengjati bil-miftuh quddiem daka l-istess Onorabbli Tribunal;'

Illi ghalkemm l-intimat appellant jipprova jkompli jispjega dan l-aggravju tieghu fil-paragrafi u l-bosta pagni li jsegwu din il-Qorti ma tistax ma tinnotax ir-repetizzjoni mal-aggravji precedenti ghalkemm zdiedu l-allegazzjonijiet ta' 'Zizzeriji', 'ereziji', 'fesseriji' apparti l-kukkanji u kwotazzjonijiet fil-lingwa germaniza.

(v) Il-Hames aggravju tal-intimat appellant huwa msejjah 'd-Disposizzjoni 6 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 380.01 u r-Rikors ghall-

Kjamat in Kawza hekk datata 1 ta' Marzu 2023' u huwa spjegat ezatt kif huma spjegati l-aggravji precedenti bil-kliem uzat huwa identiku. Il-Qorti wara li rat il-paragrafi infiniti f'dan l-aggravju fehmet li l-ilment tal-intimat appellant huwa li ma jaqbilx ma' dik il-parti tad-decizjoni tat-Tribunal fejn gie sostnut li jekk l-intimat dehrlu li kellu jigi kjamat xi hadd iehor fil-kawza allura kellu jaghmel t-talba fit-termini tad-Disposizzjoni 6 (1) tal-Legislazzoni Sussidjarja 380.01 b'dana li jitlob il-kjamata fil-kawza tal-persuna li jidhirlu li ghandha tkun hi li thallas ghat-talba jew parti minnha. Skont dak li jinghad fl-aggravju kien il-gudikant li njora t-talba ghall-kjamat fil-kawza.

(vi) Is-sitt aggravju tal-intimat appellant huwa ndikat bhala 'Il-Principju bazilarju ta' l-istess EXTRA OMNESI ta' l-istess persuna li ma hijiex il-Legittimu Kontradittur'. Bhala spjegazzjoni l-intimat appellant jerga' jghaddi biex jirrepeti dak kollu li kien sostna taht l-aggravji precedenti. Il-Qorti rat li permezz ta' dan l-aggravju l-intimat appellant qed isostni li kemm missieru kif ukoll hu, mill-iskrittura in dizamina ghandu jirrizulta li qatt ma kienu b'xi mod jew iehor kmaterjalment involuti fin-negozjati dwar it-trasferiment u tat-trasformazzjoni tal-istess proprjeta' in dezamina minn dar b'zewg kmamar ghal zewg slum zghar hafna. Tant hu hekk li r-rikorrenti ma ccitawx il-missier.

(vii) Is-seba' aggravju tal-appellant huwa ndikat bhala 'il-Principju bazilarju ta' l-istess Extra Omnes ta' l-istess persuna li ma ghandiex il-LOCUS STANDI.' L-appellant ikompli sabiex jispjega dan l-aggravju billi jerga' jirrepeti f'pagni ad infinitum, 'cut and paste', l-argumenti gia mressqa taht l-aggravji l-ohra. Fejn finalment jidher li l-lanjanza tieghu hija li t-Tribunal iddecieda hazin li r-rikorrent appellat Saviour Camilleri ma giex dikjarat li m'ghandux interess fil-kawza.

Finalment wara dak kollu suespost, l-intimat appellant talab biss li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

5. Illi permezz tar-risposta succinta taghhom ir-rikorrenti appellati fl-ewwel lok isostnu kif isegwu:

'Illi l-imsemmi appell gie pprezentat minghajr ebda bazi legali u fattwali u hekk kif sejjer jigi spiegat hawn taht, l-aggravji kollha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess appellanti;

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi din hija l-ennezima mossa da parti tal-appellant li jipprova jistultifika l-process gudizzjarju, process li f'ghajnejn il-legizlatur ghandu jkun wiehed b'pass meqjus, gust, effikaci u dinjituz.

Illi minn dawn l-attributi, ir-rikors tal-appell jonqos mill-kwalitajiet kollha li l-Ligi tattribwixxi lil wahda mill-oghla entitajiet ta pajiz sovran u dan hekk kif ser tara din l-Onorabbli Qorti, il-process kien wiehed sintomatiku, dizrispettus u jirrasenta l-medjokrita', inkluz ukoll fl-uzu ta dicitura li ftit jekk mhux xejn taghmel dinjita' lil din 1-Onorabbli Qorti;

Illi apparti hekk, l-appell ghandu jkun wiehed car b'aggravji li huma spjegati tajjeb u li jistghu jiftehmu tajjeb mill-parti li lejha jkunu indirizzati sabiex l-eponenti jkunu f'pozizzioni li jiddefendu rwiehhom tajjeb. Anke hawn rikors tal-appell huwa difettuz stante li fil-231 pagna tal-appell tieghu l-appellant jinfexx f'sensiela interminabbli ta' kwotazzjonijiet kelma b'kelma minn attributi klassici li huma totalment irrelevanti ghall-mertu ta' dan il-kaz, apparti li jaqghu fil-bassezza ta' insulti inkluz lejn ufficcjali tal-Qorti u anke f'xi stadji sahansita indirizzati fil-konfront tat-Tribunal.'

Dwar l-ewwel sas-seba' aggravju jsostnu li dawn huma kollha fallaci u mhux sostanzjati mill-provi fl-atti w'ghalhekk isostnu li ghandhom jigu michuda.

B'referenza ghat-talba finali kif kontenuta fir-rikors tal-appell, l-appellati jsostnu kif isegwi:

'Illi t-talba tonqos milli tindika kif qed jippretendi li ghandu jigi deciz dan l-appell skond l-appellant ghaliex kulma qed jintalab huwa biss ir-revoka u t-thassir. Il-Qorti fi grad ta' appell ma hijiex tenuta li taghmel analizi mill-gdid tal-provi ta dak li ghexet l-Ewwel Qorti (f'dan il-kaz Tribunal ghal Talbiet Zghar) u ghalhekk dak li qed jintalab biex din il-Qorti tisma' mill-gdid u tiddeciedi dan il-kaz hi jmur ukoll 'il hinn mid-dispozizzjoni tal-Kap. 380 dwar appelli minn decizjonijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar;

Illi ghalhekk huwa evidenti mill-assjem kollu ta' dak li jinghad hawn fuq li dan l-appell huwa wiehed ghal kollox frivolu u vessatorju u ma jimmeritax li jintlaqa tant li apparti hekk jezistu l-estremi kontemplati mill-Artikolu 223(4) tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta Malta sabiex f'kaz li dan l-appell jirrizulta li huwa frivolu u vesstaorju, l-appellant ghandu jigi ordnat ihallas spejjez doppji. Hekk ukoll dan fid-dawl tal-Artikolu 8 (5) tal-Kap. 380 dwar appelli frivoli u vessatorji;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti, kif ukoll ghar-ragunijiet kollha ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta dan l-appell, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-atti kollha tal-kawza u s-sottomissjonijiet kollha prodotti, l-aggravji kollha tal-appellanti jimmeritaw li jigu respinti bil-konsegwenza li dan l-appell ghandu jigi michud fl-intier tieghu u s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-29 Settembru, 2023 fl-ismijiet premessi ghandha tigi kkonfermata

in toto, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellant, liema spejjez ghandhom ikunu doppji ai termini tal-Artikou 223 (4) tal-Kap. XII u jew dak sancit mill-Artikolu 8 (5) tal-Kap. 380 gialadarba l-appell odjern jirrizulta li huwa frivolu u vessatorju ghall-ahhar.'

6. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2024 u konsegwentement l-appell gie differit ghad-decizjoni ghallum.

7. Rat l-atti kollha tat-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet**

8. Illi din il-Qorti rat li t-Tribunal wasal ghad-decizjoni appellata wara li ghamel l-analizi tal-provi u wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu kif isegwi:

'Qabel xejn it-Tribunal jirrileva u jagħmilha cara li huwa sejjer jinjora għal kollox fid-deliberazzjonijiet tiegħu l-"affidavit" tal-Avukat Dottor Joshua Grech stante li tali "affidavit" jirriżulta li mhuwiex maħluf. Lanqas ma irriżulta li dan inħalef waqt is-seduta li fih ġie preżentat għax m'hemm l-ebda notament f'dan is-sens fil-verbal. Għalhekk dak dikjarat mill-Avukat Dottor Joshua Grech ma jistax jittieħed in kunsiderazzjoni.

- ***Kunsiderazzjonijiet Legali u Fattwali***

Ikkunsidra:

Il-fattispecie ta' dan il-każ huma pjuttost semplici: l-attur Mario Camilleri u Michaelangelo Zammit huma l-propjetarji fi kwoti indaqs u indiviżi bejniethom ta' blokk appartamenti fi Triq Santa Marija, Marsalforn, Żebbuġ, Għawdex. Mario Camilleri akkwista in-nofs indiviż tiegħu mill-poter tan-Nutara Josianne Mifsud bis-saħħa ta' kuntratt datat l-ewwel (1) ta' Dicembru 2018 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joel Grima.[1]

Fil-mori tal-konvenju li kien sar u li kien ippreceda l-kuntratt pubbliku suriferit, kien irriżulta li l-propjeta kif mibnija ma kinitx in linea mal-permessi oriġinali li kienu maħruġa mill-Awtoritajiet kompetenti. Infatti l-permess tas-sit kien għall-propjeta waħda iżda fil-verita fis-sit kien hemm aktar mill-anqas żewġ units separati. Kien hemm wkoll xi irregolaritajiet li jikkoncermaw il-gallariji li kienu ġew kostruwiti u t-taraġ ta' barra li kien qed jesporġi għal fuq il-bankina.

Il-partijiet kienu għalhekk iltaqgħu għand il-Perita Deborah Busuttil u kien sar qbil biex issir applikazzjoni għar-regolarizzazzjoni tal-propjeta. Din l-applikazzjoni effettivament saret u l-propjeta ġiet regolarizzata fis-sens li inġab permess għal dak li kien hemm mibni fis-sit. B'hekk il-binja kif attwalment mibnija ġie koperta bid-debiti permessi mill-Awtorita tal-Ippjanar.

Sabiex sar dan l-eżercizzju ta' regolarizzazzjoni, Saviour Camilleri li jiġi missier Mario Camilleri (il-kumpratur li akkwista n-nofs indiviż tal-propjeta mingħand in-Nutara Josianne Mifsud) ħareġ ammont konsiderevoli ta' spejjeż. X'ħin pero Saviour Camilleri talab ir-rifużjoni ta' tali spejjeż lill-konvenut Michaelangelo Zammit, il-konvenut irrifjuta li jħallas sehmu minn dawn l-ispejjeż u allura Saviour Camilleri flimkien ma' ibnu Mario Camilleri ipprocedew b'din l-istanza.

Għat-talba tal-atturi, il-konvenut Zammit jiddefendi lilu inniffsu billi jargumenta li:

---

[1] Fol. 69 tal-process.

(a) il-ġudizzju mhuwiex integru għaliex il-propjeta tappartjeni lil missieru Henry Zammit;
(b) li huwa ma talabx għar-regolarizzazzjoni tal-propjeta u li għalhekk l-ispejjeż ma sarux bil-kunsens u l-approvazzjoni tiegħu;
(c) illi l-ispejjeż li kienu saru, effettivament saru a beneficcju tal-atturi;
(d) illi Saviour Camilleri m'għandux *locus standi* stante li huwa mhux il-propjetarju tal-blokk;
(e) illi huwa ma tax il-kunsens tiegħu sabiex isiru tiswijiet tal-aperturi tal-aluminju;
(f) li l-blokka ma jisimhiex Michael's Court u lanqas tinsab fl-indirizz indikat;

B'riferenza għall-eccezzjonijiet imqajma mill-intimat, it-Tribunal josserva s-segwenti:

(a) għar-rigward l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' integrita ta' ġudizzju, tali eccezzjoni illum tinsab sorvolata għar-raġuni li kif jammetti l-konvenut stess fl-affidavit tiegħu, missieru għadda għall-ħajja aħjar u l-konvenut huwa l-werriet assolut ta' missieru. Għalhekk kwalunkwe drittijiet li kellu missier il-konvenut illum il-ġurnata għaddew f'idejn il-konvenut. Fi kwalunkwe każ wkoll, il-konvenut kien obbligat li josserva d-disposizzjoni 6(1) tal-Leġislazzjoniji Sussidjarja 380.01, ħaġa li ma jirriżultax li l-intimat għamel f'dawn il-proceduri;

(b) mill-atti jirriżulta li hemm qbil dwar is-sit li ġie regolarizzat u dan irrispettivament mill-isem tal-blokka. Fil-fatt l-intimat inniffsu inġunġa lir-rappreżentant tal-Awtorita tal-Ippjanar u indikalu s-sit li dwaru ried jixhed. L-informazzjoni li ipprovda Mark Cini li xehed għan-nom tal-Awtorita tal-Ippjanar tirreferi għall-istess sit fejn saret l-applikazzjoni għar-regolarizzazzjoni.

L-eccezzjoni l-oħra sollevati jikkoncernaw il-mertu: u cioe jekk l-intimat għandux jiġi ordnat li jikkontribwixxi għal sehmu mill-ispejjeż li saru fi blokka li huwa għandu sehem indiviż minnha.

Minn eżami tal-atti processwali t-Tribunal jislet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) il-process ta' regolarizzazzjoni ma sarx mill-atturi ad insaputa tal-konvenut. Fl-affidavit tiegħu, Saviour Camilleri jispjega kif kienu saru mill-anqas żewġ laqgħat li fihom kien preżenti Michael Zammit u li fihom ġiet diskussa l-kwistjoni ta' regolarizzazzjoni tal-propjeta mal-Awtorita tal-Ippjanar. Laqgħa minnhom saret fl-ufficju tal-Avukat Dottor Joshua Grech u l-oħra saret għand il-Perit Deborah Busuttil. Camilleri jikkonferma kif Zammit kien ta l-kunsens tiegħu għal tali applikazzjoni, ħaġa li tikkonfermaha wkoll il-Perit Deborah Busuttil fl-affidavit tagħha kif wkoll fix-xhieda li hija tat quddiem it-Tribunal. Għalkemm Michael Zammit fl-affidavit tiegħu jikkonferma li saret laqgħa għand il-Perit Deborah Busuttil, huwa jistqarr li din il-laqgħa saret biss biex jiġi diskuss il-potenzjal tal-iżvilupp tal-propjeta. It-Tribunal pero isibha difficli biex jemmen lill-konvenut li l-kwistjoni tar-regolarizzazzjoni ma ġietx diskussa f'dik il-laqgħa, tenut kont li biex issir applikazzjoni ġdida ta' estenjoni ta' żvilupp huwa necessarju li dak li jkun hemm ġia mibni fis-sit irid ikun mibni skont il-permess. Altrimenti jkun irid jiġi sanzjonat fl-istess applikazzjoni ġdida jew inkella regolarizzat b'applikazzjoni separata. Għalhekk huwa aktar propens li jattribwixxi kredibbilita lil dak li jgħid Saviour Camilleri u l-Perit Deborah Busuttil milli għal dak li jistqarr Michaelangelo Zammit u li għaldaqstant f'dawn il-laqghet il-kwistjoni tar-regolarizzazzjoni vera ġiet diskussa. Konferma dwar dan tagħtiha wkoll n-Nutar Josianne Mifsud fl-affidavit tagħha, fejn hi wkoll tistqarr li f'okkażżjoni differenti meta hi flimkien ma' Michael Zammit marru jħallsu l-kont tad-dawl u l-ilma kienu tkellmu dwar ir-regolarizzazzjoni u Zammit kien qabel li issir l-applikazzjoni. Infatti l-applikazzjoni saret f'isem in-Nutar Josianne Mifsud, bl-ispejjeż jitħallsu minn Saviour Camilleri.

(b) fit-tieni lok ma jirriżultax li bit-talba għar-regolarizzazzjoni, il-konvenut soffra xi preġudizzju. Anzi l-propjeta li huwa għandu

sehem indiviż minnha ġiet koperta bid-debiti permessi. Dan żgur u mhux forsi wassal sabiex il-valur tal-propjeta żdied u mhux naqas. Il-konvenut Michael Zammit għalhekk gawda minn tali regolarizzazzjoni. Dan hu konfermat mill-fatt li fl-ebda ħin qabel ġie konkluż il-process – u minkejja li Zammit kien konxju tiegħu – ma irreġistra xi oġġezzjoni għak dak li kien sejjer isir. Il-problemi bdew biss meta huwa intalab li jħallas sehmu minn dawn l-ispejjeż. Zammit żgur li konxju bid-differenza fil-valur ta' propjeta li tkun koperta bil-permessi u oħra li ma tkunx. Pero fl-istess ħin ma riedx li joħroġ centeżmu mill-but. Imma kif jgħidu l-ingliżi "you cannot have your cake and eat it too."

(c) l-istess jista' jingħad għat-tiswija tal-aperturi tal-aluminju. Bit-tiswijiet li saru fl-aperturi, l-konvenut ma ġab l-ebda prova li huwa soffra xi preġudizzju għax saru dawn it-tiswijiet. Pjuttost wkoll li huwa iggwadanja għaliex possibilment bit-tiswijiet li saru setgħu ġew evitati żieda fl-ispejjeż fil-futur. Għakemm mill-atti ma rriżultax jekk Zammit kienx ġie infurmat bit-tiswijiet li kellhom isiru, l-ammont li qed jintalab għal tali tiswijiet huwa wieħed irriżorju. L-ispejjeż relattivi jammontaw għal mija u għaxar ewro (€ 110) bis-sehem tal-konvenut jkun jammonta għal ħamsa u ħamsin ewro (€ 55). Apparti minn hekk l-artikolu 492 tal-Kap. 16 jagħmilha cara li: *"kull wieħed mill-kompropjetarji jista' joħroġ sehmu mill-ispiża meħtieġa sabiex il-ħaġa in komun tinżamm fi stat tajjeb, iżda kull wieħed minnhom jista' jeħles minn dan l-obbligu billi jcedi l-jeddijiet tiegħu ta' komunjoni."*

(d) il-konvenut min-naħa tiegħu ma ġab l-ebda raġuni plawsibbli għaliex hu m'għandux jikkontribwixxi għal sehmu minn dawn l-ispejjeż tenut kont li huwa għandu sehem indiviż minn din il-propjeta u fl-aħħar mill-aħħar ibbenefika minn dak kollu li sar.

Fid-dawl ta'dan kollu t-Tribunal jemmen li l-konvenut Michaelangelo Zammit għandu jikkontribwixxi għal nofs l-ispejjeż li ġew fil-blokka. L-ispejjez li saru, saru kemm għall-beneficcju tiegħu u anke għall-beneficcju tal-kompropjetarju l-ieħor. L-ispejjeż li saru ma jistax

jitqiesu li kienu spejjeż kapriccużi: is-sitwazzjoni kienet tali fejn kellek sit li kien mibni f'żewġ units separati u fl-istess ħin kien kopert biss bil-permess ta' dar. Is-sitwazzjoni kienet tkun kompletament differenti li kieku l-atturi ikkonvertew il-propjeta huma stess f'żewġ units u imbagħad talbu r-regolarizzazzjoni biex jġibu l-permess ta' dak li kienu t għamlu huma. F'tali cirkostanza l-intimat forsi seta' kellu raġun jikkontesta tali spejjeż; pero dan assolutament ma kienx il-każ hawnhekk.

It-Tribunal iqis li jkun qed iwettaq inġustizzja jekk ma jordnax lil Zammit iħallas sehmu minn dawn l-ispejjeż għax inkella jkun qed jagħti l-barka sabiex Zammit jarrekixxi ruħu inġustament b'detriment ta' minn ħa l-isbriga biex jirregolarizza s-sit mil-lat ta' permessi, jagħmel it-tiswijiet necessarji u ħareġ minn butu l-ispejjeż relattivi. Dan jmur kontra kull principju ta' ġustizzja u ekwita, li dan it-Tribunal huwa obbligat li jsegwi.

- **<u>L-Ammont Reklamat</u>**

Għar-rigward il-quatum, it-Tribunal iqis wkoll li l-atturi wkoll ġabu provi cari u konvincenti tal-ispejjeż li huma inkorrew. L-ammont mitlub ta' elfejn tlett mija u wieħed u disgħin ewro u ħamsin centeżmu (€ 2,391.50) ġie ġustifikat pienament bil-preżentata tal-ircevuti kollha kollha relattivi inkluż dawk fiskali. Dawn l-ircevuti u d-dokumenti kollha ġew preżentati mal-affidavit ta' Saviour Camilleri. Jirriżulta wkoll li dawn l-ispejjeż saru unikament minn Saviour Camilleri u għalhekk il-ħlas ta' dan l-ammont huwa dovut lil Saviour Camilleri. Kien necessarju għalhekk għal Saviour Camilleri li jkun partecipi f'dawn il-proceduri.

- ***<u>Decide</u>***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li qiegħed jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat, qiegħed jilqa' talbiet kollha tal-atturi u jikkundanna lill-

intimat sabiex iħallas lill-attur Saviour Camilleri waħdu l-ammont ta' elfejn tlett mija u wieħed u disgħin ewro u ħamsin centeżmu (€ 2,391.50) bl-imgħaxxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sitta (6) ta' Settembru 2019, id-data tal-ispedizzjoni tal-ittra ufficjali, sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-prezenti istanza kif wkoll l-ispejjez relattivi għall-ittra ufficjali numru 504/2019 għandhom jkunu kollha a karigu tal-intimat.'

9. Illi minn analizi tal-atti processwali din il-Qorti tirrileva s-segwenti:

(i) Illi l-affidavit tal-Avukat Dottor Joshua Grech verament ma giex guramentat (ara fol. 81 tal-process) b'dana li allura t-Tribunal ghamel sew li skarta dan l-affidavit bhala evidenza. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem ghalfejn ghall-hafna u hafna drabi l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu tista tghid taht l-aggravji kollha tieghu jilmenta dwar din ix-xhieda daqs li kieku t-Tribunal attribwixxa xi valur probatorju lill-istess. Fil-fatt fid-decizjoni inghad car u tond li t-Tribunal ma kienx qed iqis dan l-affidavit bhala parti mill-provi;

(ii) Rat ukoll ir-rikors tal-intimat datat 22 ta' Novembru, 2022 fejn l-intimat talab ir-rikuza ta' Dr. Jean Paul Grech bhala gudikant fuq il-kaz tieghu fit-Tribunal bir-raguni moghtija tkun kif isegwi:

'Illi minn ricerki u informazzjoni li hija ghad-disposizzjoni tal-esponenti, jirrizulta li l-Gudikatur Dottor Jean Paul Grech huwa parental tal-Perit AIC Deborah Busuttil liema Perit hija xhud ex parte tar-rikorrenti.'

Rat il-provvediment tat-Tribunal kif presedut datat 11 ta' Jannar, 2023 fl-atti li jaqra kif isegwi:

‘Ir-ragunijiet ghalfejn tista tintalab rikuza ta’ gudikant jinsabu elenkati b'mod tassattiv fl-aritkolu 734(1) tal-Kap. 12. L-artikolu 733 tal-Kap. 12 jaghmilha cara li gudikant ma jistax jigi rikuzat hlief ghal wahda mir-ragunijiet indiati fl-istess artikolu 734(1) tal-Kap. 12.

Dak allegat mill-intimat ma jaga taht l-ebda wiehed mis-subincizi tal-artikolu 734(1) tal-Kap. 12, tant li fir-rikors tieghu l-intimat ma jindika l-ebda wiehed minn dawn is-subincizi li fuqu qieghed jibbaza t-talba tieghu. Apparti minn hekk il-lamentela tal-istess intimat hija li l-gudikant sedenti huwa parentela mhux ma' xi hadd minn partijiet fil-kawza imma ma' xhud ta' wahda mill-partijiet fil-kawa. Dan aktar u aktar ma jaghtix lok li jkun hemm rikuza tal-gudikant sedenti ghax tali xenarju l-ligi lanqas biss tikkontemplah. BI-ebda tigbid ta' immaginazzjoni xhud ma jista jitqies li huwa parti in kawza.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal gieghed jichad it-talba kontenuta fir-rikors tal-intimat tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2022 sabiex il-gudikant sedenti jastjeni milli jiehu konjizzioni ta din il-kawza u jordna l-prosegwiment ta' din il-kawza.

L’ispejjez relativi ghat tali rikors jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.’

Din il-Qorti siltet mir-rikors tal-appell tal-intimat li xejn ma huwa car u bil-wisq konfuzjonarju u twil li l-allegazzjoni tal-intimat hija li n-nannu tax-xhud imsemmija b’xi mod jigi min-nannu tal-gudikant. Kif tajjeb iddikjara t-Tribunal dan ix-xenarju mhux kontemplat fil-ligi fl-artikolu 734 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bhala raguni ghar-rikuza tal-gudikant. Din il-Qorti tqis li kieku wiehed kellu jaccetta l-agrument tal-intimat allura tista tghid li ebda gudikant f’Malta ma jkun jista’ jisma’ kawza stante li b’xi mod kwazi kulhadd fuq il-gzejjer Maltin jigi minn xulxin almenu minn parenteli l-boghod in vista tac-cokon tal-pajjiz. Illi huwa rrilevanti kemm il-darba l-intimat

issottometta l-istess rikors u talba quddiem it-Tribunal ghar-rikuza tal-gudikant stante li dak li ma kienx gustifikat fl-ewwel rikors baqa' mhux gustifikat fir-rikorsi sussegwenti u kjamarent ir-rikorsi kienu qed isiru sabiex itawlu inutilment il-proceduri u xejn aktar.

Illi in oltre f'dan ir-rigward din il-Qorti in oltre ma rravizat l-ebda raguni valida fl-atti jew xi cirkustanza li fi kwalunkwe kaz kienet b'xi mod timmerita r-rikuza tal-gudikant abbazi tal-principju li l-gustizzja mhux biss trid issir imma trid tidher issir, ghalhekk tqis li dan l-aggravju fir-rikors tal-appell ukoll mhux gustifikat u ser tichad l-istess.

(iii) Illi l-Qorti rat li l-intimat appellanti odjerni, fl-ewwel istanza, flok iddefenda sew il-kaz tieghu, permezz ukoll tal-ghajnuna tal-avukat tieghu qad jintilef f'bosta rikors, ripetuti sabiex b'xi mod jipprova jistultifika l-andament tal-kawza. Din il-Qorti terga temfasizza li xejn ma jrendi rikors gustifikat jew ikun gie michud jekk dan jigi ntavolat ghal darba, tnejn, tlieta anzi juri nuqqas ta' etika u disprezz da parti tal-Avukat li jkun qed jintavolahom fil-konfront tat-Tribunal jew tal-Qorti.

(iv) Illi dwar il-kwistjoni tal-kjamat fil-kawza, l-Qorti rat li sar rikors appositu mill-intimat sabiex tigi kjamata fil-kawza in-Nutar Josianne Mifsud izda t-Tribunal cahad din it-talba u ta r-ragunijiet tieghu ghall-istess u din il-Qorti tikkonkorda ma' dawk ir-ragunijiet b'dak li dan l-aggravju tal-intimat appellant ukoll mhux gustifikat.

10. Illi dwar il-bqija tal-aggravji tal-intimat appellant, almenu minn dak li seta' jigi decifrat minn din il-Qorti, l-Qorti rat li t-Tribunal ghamel analizi ferm dettaljata tal-provi fl-atti, qies li r-rikorrenti debitament ressqu provi sal-grad rikjest mil-ligi sabiex jippruvaw il-pretensjonijiet taghhom fil-konfront tal-intimat Michael Angelo Zammit, inkluz il-fatt li r-rikorrent Saviour Camilleri kien il-persuna li

nkorra l-ispejjez ghan-nom ta' Mario Camilleri u tal-intimat u wkoll li l-ispejjez irrilevantement jekk kienx hemm kunsens car jew le mill-intimat finalment spiccaw ziedu l-valur tal-proprjeta' tal-istess intimat u finalment ghaddha sabiex abbazi ta' ekwita, (kif fuq kollox huwa mistenni li jiddeciedi t-Tribunal ghal-Talbiet Zghar skont il-ligi), jikkonkludi li t-talbiet tar-rikorrenti kienu gustifikati u laqa' l-istess. Din il-Qorti ma tista' tara xejn fl-atti u wisq anqas mid-decizjoni appellata li jiggustifika jew li hija ta' tant gravita' li jwassalha sabiex tissostiwixxi l-analizi taghha tal-provi ghal dik tat-Tribunal anzi taqbel mal-analizi u l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom it-Tribunal b'dana li tqis li ebda mis-seba' aggravji mressqa mill-intimat appellanti ma huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

11. Illi din il-Qorti wkoll ma tistax ma tirrilevax li taqbel mar-risposta tar-rikorrenti appellati fejn isostnu li anki li kieku xi wiehed mill-aggravji tal-appellant kien gustifikat, kien ser ikun difficli ghal din il-Qorti li tilqa' l-appell tal-istess intimat in vista li t-talba finali fl-appell hija wahda fallaci stante li l-intimat appellant jitlob li s-sentenza tal-prima istanza tigi revokata u mhassra izda ma jghidx abbazi ta' xhiex din il-Qorti kellha tirrevoka u thassar l-istess. Din il-Qorti tiskanta kif l-Avukat tal-appellant kellu l-hin jiprepara u jintavola appell ta' oltre 250 pagna filwaqt li fl-ahhar paragrafu sar zball daqshekk krucjali f'rikors ta' appell fejn il-principju huwa li t-talba hija dik li tholl u torbot is-success ta' appell.

12. Illi in oltre, minn analizi tal-provi fl-atti tat-Tribunal, din il-Qorti rat li l-kontenut tal-appell odjern tista' tghid huwa kopja mghaqqda tar-rikorsi kollha li l-intimat appellant issottometta quddiem it-Tribunal u li dak it-Tribunal, b'pacenzja kbir qghad jisma t-trattazzjoni tal-istess u jordna n-notifiki taghhom sabiex issir risposta ghalihom u finalment it-Tribunal dejjem ghaddha sabiex jaghti decizjoni dwar l-istess bil-gustifikazzjonijiet tieghu ghall-istess. Din il-Qorti rat li

effettivament l-appell odjern mhux appell mill-kontenut fil-mertu kif kontenut fid-decizjoni finali tat-Tribunal izda appell mir-rifjut ta' dawn id-diversi rikorsi li saru, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, abbusivament quddiem it-Tribunal anki in vista tal-kliem, allegazzjonijiet u l-asserzjonijiet xejn xierqa li saru fl-istess, kif ikkuppjati u riportati fl-appell odjern, kliem, allegazzjonijiet u asserzjonijiet li qatt u qatt ma ghandhom jigu permessi li jsiru minn ufficcjal tal-Qorti bhal ma hu meqjus l-Avukat Carmel Gatt, avukat tal-intimat appellant. Il-Qorsti ghalhekk ser tordna komunika ta' din id-decizjoni lill-Kamra tal-Avukati sabiex jekk jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi tiehu passi fil-konfront tal-Avukat Carmel Gatt rizultat ta' ksur ta' etika tal-Avukati palezi fl-atti kollha odjerni.

13. Dwar l-ispejjez stante li rrizulta li l-appell odjern huwa wiehed frivolu u vessatorju ghall-ahhar ser tghaddi sabiex timponi l-ispejjez doppji fuq l-intimat appellant.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-appell odjern billi tilqa' r-risposta tar-rikorrenti appellati u tghaddi sabiex tichad l-aggravji kollha u l-appell tal-intimat appellant.**

Bl-ispejjez doppji ghar-ragunijiet kif suesposti.

**Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Deputat**

**Komunika: President, Kamra tal-Avukati, Qrati tal-Gustizzja, t-Tieni Sular, Triq ir-Repubblika, Valletta**